

2) Fkaż ta' risposta pożittiva għall-ewwel domanda, passiġġier jista' madankollu jitlob mingħand it-trasportatur bl-ajru r-imbors tal-biljett tiegħu jekk ikun verosimili li l-organizzatur tal-vjaġġ, fkaż li dan jinstab responsabbi, ikun finanzjarjament inkapaċċi li jirrimborsa l-biljett u li l-organizzatur tal-vjaġġi ma jkun adotta l-ebda miżura ta' garanzija sabiex jiggarrantixxi r-imbors?

<sup>(1)</sup> Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

<sup>(2)</sup> Direttiva tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 1990 dwar il-vjaġġi kollox kompriż (package travel), il-vaganzi kollox kompriż u t-tours kollox kompriż (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 10, p. 132).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Arbeitsrechtbank Gent (il-Belġju) fis-7 ta' Marzu 2018 – Ronny Rohart vs Federale Pensioendienst**

(Kawża C-179/18)

(2018/C 182/13)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

**Qorti tar-rinviju**

Arbeitsrechtbank Gent

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Ronny Rohart

Konvenut: Federale Pensioendienst

**Domanda preliminari**

Il-prinċipju ta' kooperazzjoni legali, stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE, flimkien mar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea, stabbiliti permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 <sup>(1)</sup>, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ma tippermettix, fil-kalkolu tal-pensioni tal-irtirar ta' ħaddiem abbażi tal-prestazzjonijiet tiegħu fi Stat Membru, li jittieħed inkunsiderazzjoni s-servizz militari mwettaq minn dan il-ħaddiem f'dan l-Istat Membru, peress li matul l-imsemmi servizz militari u sussegwentement, huwa kien, b'mod interrott, ufficijal tal-Unjoni Ewropea, u għalhekk ma jissodisfax il-kundizzjonijiet ta' ekwivalenza stabbiliti mil-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat Membru?

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali u l-kondizzjonijiet ta' impieg ta' uffiċjali oħra tal-Komunitajiet Ewropej u li jistabbilixxi miżuri temporanji applikabbi għall-Uffiċjali tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 2, p. 5).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fid-9 ta' Marzu 2018 – Agrenergy Srl vs Ministero dello Sviluppo Economico**

(Kawża C-180/18)

(2018/C 182/14)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Stato